MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Numru 941/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

Brian Calleja

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Brian Calleja ta’ karta ta’ identita’ numru 39478(M), akkuzat talli:

1. nhar l-10 ta’ Lulju 2005 bejn id-9:10 a.m. u l-5:00 p.m. ikkometta serq ta’ telefon cellulari tal-marka Samsung mudell SGHX460 minn gewwa il-fond ‘Phone connections’ li jinsab gewwa ‘Triq il-Principessa Margaret’, Ta’ Xbiex ghad-dannu ta’ Christopher Calleja liema serq huwa aggravat bil-valur, lok u bil-persuna u dan ai terminu tal-

artikolu 261, 267, 268 u 269 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. gewwa Ta' Xbiex, Gzira u bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin bejn il-10 ta' Lulju 2005 u t-12 ta' Lulju 2005 xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal sabiex ibieghom jew imexxihom u cioe' l-oggetti imsemmija fl-ewwel akkuzi a detriment tal-istess persuna imsemmija fl-ewwel akkuza u dan ai terminu tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa insista anke wara li l-imputat inghata zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu mixli b'serq u ricettazzjoni liema akkuzi huma in-alternattiva ghal xulxin. Fil-kaz in disamina l-imputat ghandu jinstab hati ta' ricettazzjoni.

Rat fir-rigward il-piena l-Artikolu 334 tal-Kap 9 u qeghdha tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------